Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2023/2120(INI)

11.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2022
(2023/2120(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Is-Sur Peter Jahr

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2022 (2023/2120(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 24(3), 228 u 298(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 41, 42 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UN CRPD),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom[1],

– wara li kkunsidra l-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, kif adottat mill-Parlament fis-6 ta' Settembru 2001,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni konkluż bejn il-Parlament u l-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 54 u 142(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– – wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0000/2023),

A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2022 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament Ewropew fit-28 ta' April 2023 u billi l-Ombudsman, is-Sinjura Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport tagħha lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fis-27 ta' Ġunju 2023 fi Brussell;

B. billi l-Artikoli 20, 24 u 228 tat-TFUE jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li jirċievi lmenti li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-

[1] ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1.

Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha;

C. billi l-Artikolu 15 tat-TFUE jistipula li “sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b’mod kemm jista’ jkun miftuħ” u “kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni”; billi l-iżgurar li ċ-ċittadini tal-UE jirċievu servizzi ta’ kwalità għolja u li l-amministrazzjoni tal-UE tirrispondi għall-bżonnijiet u l-preokupazzjonijiet tagħhom huwa essenzjali sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini;

D. billi l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li “Kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman f’każijiet ta’ amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha”;

E. billi fl-2022 l-Ombudsman fetħet 348 inkjesta, li minnhom 344 kienu bbażati fuq ilmenti u 4 kienu fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 330 inkjesta (325 ibbażati fuq ilmenti u 5 fuq inizjattiva proprja);

F. billi fl-2022, il-parti l-kbira tal-inkjesti kkonċernaw lill-Kummissjoni (197 inkjesta jew 57.1 %), filwaqt li l-akbar numri li jmiss kienu jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew tal-Għażla tal-Persunal (22 inkjesta jew 6.3 %), il-Parlament (19-il inkjesta jew 5.5 %), u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (16-il inkjesta jew 4.6 %); billi l-inkjesti li kien fadal kienu mqassma kif ġej: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (14-il inkjesta jew 4.3 %), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (7 inkjesti jew 2 %), istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-UE (46 inkjesta jew 13.5 %), u aġenziji oħra tal-UE (23 inkjesta jew 6.7 %);

G. billi fl-2022, l-akbar perċentwal tal-inkjesti tal-Ombudsman kien jikkonċerna lill-Kummissjoni, fejn l-attivitajiet amministrattivi tagħha jirċievu attenzjoni pubblika konsiderevoli, peress li hija l-eżekuttiv tal-UE;

H. billi fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2022, ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina f’37 % tal-każijiet, soluzzjoni ġiet riżolta mill-istituzzjoni f’46.1 % tal-każijiet, l-ebda inkjesta oħra ma kienet iġġustifikata fi 12.7 % tal-każijiet u nstabet amministrazzjoni ħażina f’4.5 % tal-każijiet;

I. billi t-tliet punti ta’ tħassib ewlenin fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2022 kienu t-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont (eż. l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti) (32 %), il-kultura tas-servizz (20 %) u r-rispett għad-drittijiet fundamentali (15 %); billi tħassib ieħor kien jinkludi użu xieraq ta’ diskrezzjoni (inkluż fi proċeduri ta’ ksur), reklutaġġ, ġestjoni tajba ta’ kwistjonijiet ta’ persunal, rispett għad-drittijiet proċedurali, ġestjoni xierqa ta’ proċeduri ta’ ksur, ġestjoni finanzjarja tajba, etika u parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-UE;

J. billi fl-2022, l-Ombudsman wettaq ukoll inkjesti u inizjattivi strateġiċi usa’ fi

kwistjonijiet sistemiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE, li jkopru kwistjonijiet etiċi, mossi ta' "revolving doors", responsabbiltà fit-teħid ta' deċiżjonijiet, aċċess għal dokumenti u drittijiet fundamentali;

K. billi fl-2022, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kompla qajjem kuxjenza pubblika dwar ir-rwol tal-Ombudsman fiż-żamma ta' standards għoljin ta' responsabbiltà u trasparenza fl-amministrazzjoni tal-UE;

1. Jilqa' r-rapport annwali għall-2022 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew;

2. Jifraħ lis-Sinjura Emily O'Reilly għax-xogħol tajjeb tagħha u l-isforzi kontinwi tagħha biex ittejjeb il-prattiki amministrattivi u biex tippromovi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll biex tiżgura l-aċċessibbiltà tad-dokumenti tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE;

3. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-kooperazzjoni kostruttiva kontinwa tal-Ombudsman Ewropew mal-Parlament Ewropew, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE;

4. Jirrikonoxxi l-ftuħ ta' investigazzjoni fuq inizjattiva proprja biex tivvaluta kif il-Kummissjoni tiżgura li l-interazzjonijiet tagħha mar-rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk ikunu trasparenti;

5. Japprova r-riżultat tal-eżami tal-Ombudsman ta' kif il-Kummissjoni tiżgura li l-esperti esterni involuti fl-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża ma jkollhomx kunflitti ta' interess; jissottolinja l-importanza li titwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-kunflitti ta' interess tal-esperti maħtura;

6. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, bi tweġiba għas-sejbiet tal-Ombudsman wara l-inkjesta tagħha dwar il-każ BlackRock, biex temenda r-Regolament Finanzjarju biex tinkludi l-possibbiltà li jiġu rrifjutati l-offerenti jekk ikollhom kunflitt ta' interess; jieħu nota tas-suġġeriment tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex taġġorna l-linji gwida tagħha għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal kuntratti relatati mal-politika, bil-ħsieb li jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

7. Jenfasizza l-fatt li, wara inkjesta mill-Ombudsman dwar il-fenomenu tar-"revolving doors", il-Kummissjoni qed ittejjeb l-immaniġġjar tagħha tal-kwistjoni u titlob informazzjoni minn persunal preċedenti dwar kif qed jikkonformaw mar-restrizzjonijiet rilevanti; jilqa' l-pubblikazzjoni aktar mgħaġġla mill-Kummissjoni ta' ħarsa ġenerali annwali tagħha tal-membri tal-persunal anzjani li jitolbu permess biex jiċċaqilqu għal impjieg ġdid, u l-valutazzjoni tagħha ta' dawn it-talbiet; jilqa' l-fatt li l-persunal bil-liv mhux imħallas issa huwa pprojbit milli jieħu impjieg f'oqsma fejn hemm riskju ta' kunflitt ta' interess;

8. Jilqa' l-inkjesta fuq inizjattiva proprja miftuħa mill-Ombudsman biex jevalwa kif il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jamministra l-kwistjoni tar-"revolving doors" u japprova s-sejħa tal-Ombudsman lill-BĊE biex japplika regoli aktar stretti li jirregolaw iċ-ċaqliq tal-persunal fis-settur privat; jappoġġa r-rakkomandazzjoni li l-persunal tal-BĊE jenħtieġ li jkun soġġett għal rekwiżiti stretti ta' preklużjoni u li l-perjodu li matulu l-eks persunal tal-BĊE jiġi pprojbit milli jagħmel lobbying lill-eks kollegi tagħhom

jenħtieġ li jiżdied;

9. Jissottolinja li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE hija importanti għal-leġittimità tagħha; japprezza l-impenn tal-Ombudsman li jrawwem ir-responsabbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, speċjalment fil-qasam tad-deċiżjonijiet ambjentali; jilqa' l-intenzjoni tal-Ombudsman li żżid l-iskrutinju tagħha tal-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), b'mod partikolari fir-rigward tal-pubblikazzjoni f'waqtha ta' informazzjoni dwar proġetti relatati mal-ambjent u l-finanzi tal-BEI sabiex jingħata żmien biżżejjed lill-pubbliku biex iqajjem tħassib;

10. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew, tad-dokument ta' politika intitolat "Lejn prinċipji ta' prattika tajba għat-trasparenza tal-gvern fl-użu tal-fondi ta' rkupru", li jipprovdi gwida lill-gvernijiet dwar l-iżgurar tat-trasparenza u responsabbiltà fl-użu tal-fondi ta' rkupru tal-COVID-19;

11. Jappoġġa t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex tiżvela b'mod proattiv aktar informazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-Istati Membri taħt il-politika agrikola komuni; jitlob lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni biex jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u jfittex rappreżentanza aħjar tal-interessi kemm tal-bdiewa kif ukoll tas-soċjetà ċivili fil-laqgħat u l-iskambji tiegħu mar-rappreżentanti tal-interessi;

12. Jirrikonoxxi l-importanza għall-istituzzjonijiet kollha li jittrattaw it-talbiet għall-aċċess għal dokumenti fil-ħin, sabiex tiġi ppreservata r-rilevanza tal-informazzjoni; jilqa' r-riżorsi addizzjonali ddedikati mill-Kummissjoni għat-titjib tal-effiċjenza fl-immaniġġjar tat-talbiet għall-aċċess għal dokumenti;

13. Jinnota l-ħidma tal-Ombudsman fil-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-amministrazzjoni tal-UE dwar ir-reġistrazzjoni ta' test relatat max-xogħol u messaġġi istantanji u jisħaq fuq l-importanza għall-istituzzjonijiet tal-UE li jsegwu dawn ir-rakkomandazzjonijiet sabiex il-prattiki tal-amministrazzjoni tal-UE jkunu konformi mal-metodi moderni tal-komunikazzjoni; jilqa' r-rispons tal-Kummissjoni li se toħroġ aktar gwida dwar l-għodod moderni ta' komunikazzjoni bħal messaġġi testwali;

14. Jisħaq fuq l-importanza tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar il-konformità tad-drittijiet tal-bniedem mill-amministrazzjoni tal-UE; jappoġġa t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi portal ġdid u separat għall-indirizzar tal-ilmenti għall-allegati abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u biex tagħmilha aċċessibbli għall-ilmenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra f'pajjiżi li magħhom l-UE għandha ftehimiet kummerċjali;

15. Jirrimarka li l-Ombudsman wettaq inkjesta strateġika dwar kif il-Frontex tikkonforma mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt il-mandat estiż tagħha skont ir-Regolament 2019/1896[2];

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624. ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

16. Jilqa’ l-fatt li, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet prattiċi tal-Ombudsman dwar l-użu tal-lingwi uffiċjali meta jikkomunika mal-pubbliku, in-network tal-aġenziji tal-UE qabel dwar il-linji gwida dwar il-politiki multilingwi;

17. Jieħu nota li fl-2022, l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew ġie aġġornat b’dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jiddettaljaw il-proċeduri ta’ ħidma tal-Uffiċċju tal-Ombudsman;

18. Jilqa’ l-impenn tal-Ombudsman li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-amministrazzjoni tal-UE tas-CRPD tan-NU; japprezza l-ħidma tal-Ombudsman bħala membru tal-Qafas tal-UE għas-CRPD tan-NU;

19. Jissottolinja r-riżultati tal-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni timmonitorja l-fondi Strutturali u ta’ Investiment tal-UE (SIE) biex tiżgura li l-fondi jintużaw biex jissaħħu d-drittijiet tal-persuni b’diżabilità għal għajxien u inklużjoni indipendenti; jilqa’ s-suġġeriment ta’ gwida aktar ċara dwar il-ħtieġa li tiġi promossa d-deistituzzjonalizzazzjoni fil-kuntest tal-użu tal-fondi SIE;

20. Iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli l-iskambji dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiki mal-ombudsmen nazzjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen; japprezza li l-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2022 iffukat fuq l-aħjar prattiki għall-għajnuna lir-refuġjati u indirizzat l-effetti tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi fuq id-drittijiet taċ-ċittadini; ifaħħar iż-żieda tal-uffiċċji tal-ombudsman tal-Ukrajna u tal-Moldova man-Network Ewropew tal-Ombudsmen;

21. Iħeġġeġ id-djalogu siewi bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew; jissottolinja li l-kollaborazzjoni intensiva bejn dawn iż-żewġ korpi tgħin biex tiżdied ir-rendikont demokratiku tal-istituzzjonijiet tal-UE;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-ombudsmen tagħhom jew lill-entitajiet kompetenti simili.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2022 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, fit-28 ta' April 2023, u l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2023.

Il-mandat tal-Ombudsman huwa stabbilit fl-Artikoli 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 24 tat-TFUE, kif ukoll l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jistabbilixxu d-dritt li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew. Skont l-Artikolu 228 tat-TFUE, l-Ombudsman Ewropew, elett mill-Parlament Ewropew, għandu s-setgħa li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha rreġistrat fi Stat Membru, fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Pedament ieħor, partikolarment marbut mar-rwol tal-Ombudsman, huwa l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, fejn huwa enfasizzat li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi trattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni".

L-Ombudsman Ewropew jgħin lin-nies, lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet li jkunu qed jiffaċċjaw problemi mal-amministrazzjoni tal-UE billi jindirizza l-ilmenti li jressqu, kif ukoll billi jfittex li jippromwovi prattiki amministrattivi tajbin billi jidentifika b'mod proattiv kwistjonijiet sistemiċi usa' fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. L-Ombudsman mhux dejjem ikun f'pożizzjoni li jinvestiga l-ilmenti kollha li jirċievi, l-Uffiċċju tagħha xorta waħda jipprova jgħin lil dawk kollha li jfittxu assistenza, pereżempju billi jipprovdi pariri dwar possibbiltajiet oħra għal rimedju.

Fl-2022, 16 569 ċittadin talbu lis-servizzi tal-Ombudsman jgħinuhom, li minnhom 13 313 ingħataw parir permezz tal-Gwida Interattiva li tinsab fis-sit web tal-Ombudsman, filwaqt li l-1 038 talba l-oħra għal informazzjoni ġew imwieġba mis-servizzi tal-Ombudsman u 2 238 ġew trattati mill-Ombudsman bħala lmenti.

Mill-għadd totali ta' 2 238 ilment ipproċessat mill-Ombudsman fl-2022, 755 kienu jaqgħu fil-mandat tal-Ombudsman u 1 483 kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Ombudsman.

Fl-2022, l-Ombudsman Ewropew ipproċessat 1 483 ilment li ma kinux jaqgħu taħt il-mandat tagħha, l-aktar għaliex ma kinux jirrigwardaw il-ħidma tal-amministrazzjoni tal-UE. Aktar minn 40 % ta' dawn l-ilmenti ġew minn Spanja, il-Polonja, u l-Ġermanja, bi Spanja waħedha tgħodd għal nofs dik iċ-ċifra. L-ilmenti barra mill-mandat tagħhom kienu primarjament relatati ma' problemi li ltaqgħu magħhom fir-rigward ta' korpi pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali, gvernijiet u korpi ta' servizz pubbliku, u qrati nazzjonali jew internazzjonali (bħall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Iċ-ċittadini indirizzaw ukoll numru kbir ta' lmenti f'entitajiet privati, inklużi banek, negozji u pjattaformi online, u linji tal-ajru. L-Ombudsman irċeviet ukoll ħafna lmenti barra mill-mandat relatati mal-kriżi umanitarja fl-Ukrajna wara l-invażjoni tar-Russja. L-Ombudsman kompliet tirċievi għadd kbir ta' lmenti

barra mill-mandat relatati mal-pandemija tal-COVID-19. Dawn kienu jikkonċernaw b'mod predominanti l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ mill-awtoritajiet nazzjonali b'reazzjoni għall-pandemija u d-dritt ta' moviment liberu fl-UE. Ilmenti oħra barra mill-mandat kienu jikkonċernaw l-istituzzjonijiet tal-UE, iżda kienu relatati ma' ħidma politika jew leġiżlattiva.

L-Ombudsman avża lill-ilmentaturi x'korpi oħra jistgħu jgħinu u ċċara l-mandat tal-Ombudsman. Bil-qbil tal-ilmentatur, l-Ombudsman ittrasferixxa wkoll ilmenti lil membri xierqa tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen. Fejn l-ilmentaturi ma kinux kuntenti bil-leġiżlazzjoni speċifika tal-UE, l-Ombudsman ġeneralment tathom parir li jirrikorru għand il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-ilmentaturi, li qajmu kwistjonijiet oħra, inkluża l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, ġew riferuti lill-Kummissjoni Ewropea, ombudsmen nazzjonali jew reġjonali, jew lil networks tal-UE bħal Europe Direct, Solvit u ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur.

Fl-2022, l-Ombudsman fetħet 348 inkjesta, li minnhom 344 kienu bbażati fuq ilmenti u erba' kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 330 inkjesta (325 bbażati fuq ilmenti u 5 fuq inizjattiva proprja).

Il-parti l-kbira tal-inkjesti kkonċernaw lill-Kummissjoni (197 inkjesta jew 57.1 %), l-akbar numru li jmiss kien jikkonċerna l-Uffiċċju Ewropew tal-Għażla tal-Persunal (22 inkjesta jew 6.3 %), il-Parlament (19-il inkjesta jew 5.5 %), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (16-il inkjesta jew 4.6 %). Il-bqija kienu mqassma kif ġej: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (14-il inkjesta jew 4.3 %), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (7 inkjesti jew 2 %), aġenziji oħra tal-UE (23 inkjesta jew 6.7 %), u istituzzjonijiet oħra (46 inkjesta jew 13.5 %).

L-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2022 fejn ġew riżolti mill-istituzzjoni, inkisbet soluzzjoni f'152 każ (46.1%), ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina f'122 każ (37.0%) u fi 15-il każ biss l-Ombudsman sab amministrazzjoni ħażina u rakkomandazzjoni ġiet miftiehma mill-istituzzjoni (4.5%).

It-tul tal-investigazzjoni ta' każijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew kien ta' inqas minn 6 xhur bħala medja hekk kif: 157 każ (48%) ingħalqu fi żmien 3 xhur, 126 każ (38%) ingħalqu fi żmien 3 sa 12-il xahar, 36 każ (11%) ingħalqu fi żmien 12 sa 18-il xahar u 11-il każ biss (3%) ingħalqu wara aktar minn 18-il xahar.

Fl-2022, l-istituzzjonijiet tal-UE kkooperaw b'mod sodisfaċenti mal-Ombudsman f'79 % tal-każijiet. Mit-33 proposta li l-Ombudsman għamlet biex tikkoreġi jew ittejjeb il-prattiki amministrattivi tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-UE rreaġixxew b'mod pożittiv għal 26 minnhom.

It-tliet punti ta' tħassib ewlenin tal-Ombudsman fl-inkjesti magħluqa fl-2022 kienu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont (l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti) (32 %), il-kultura tas-servizz (20 %) u r-rispett għad-drittijiet fundamentali (15 %). Tħassib ieħor jinkludi użu xieraq ta' diskrezzjoni (inkluż fi proċeduri ta' ksur), reklutaġġ, ġestjoni tajba ta' kwistjonijiet ta' persunal, rispett għad-drittijiet proċedurali, ġestjoni xierqa ta' proċeduri ta' ksur, ġestjoni finanzjarja tajba, parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, kwistjonijiet etiċi u għotjiet, akkwist, u kuntratti.

Flimkien max-xogħol ewlieni tal-Ombudsman fuq l-ilmenti, l-Ombudsman twettaq ukoll

aktar inkjesti u inizjattivi strateġiċi dwar kwistjonijiet sistemiċi mal-istituzzjonijiet tal-UE. Bi qbil mal-istrateġija tal-Ombudsman "Lejn l-2024", is-sena 2022 kienet immarkata minn żieda fil-ħidma strateġika tal-Ombudsman, b'numru akbar ta' inkjesti u inizjattivi miftuħa dwar varjetà ta' kwistjonijiet. Fil-kuntest tax-xogħol strateġiku tiegħu fl-2022, l-uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ inkjesti strateġiċi ġodda dwar suġġetti differenti:

- **Kwistjonijiet etiċi**

Iż-żamma ta' standards etiċi għoljin fl-amministrazzjoni tal-UE hija qasam ewlieni tal-ħidma tal-Ombudsman. Dan ikopri l-implimentazzjoni ta' regoli dwar "revolving doors", kunflitti ta' interess, u laqgħat mal-lobbisti.

L-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni għal informazzjoni dwar kif qed tiżgura t-trasparenza u r-rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi fir-rigward tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). L-Ombudsman għamlet diversi osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni, u talbet għal aktar diskussjoni dwar il-PAK maċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħra kif ukoll ma' rappreżentanti mis-settur agrikolu. L-Ombudsman ħeġġet ukoll lill-Kummissjoni biex tippubblika b'mod proattiv aktar informazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-"pjanijiet strateġiċi" tal-Istati Membri, li jagħtu dettalji dwar kif se jintlaħqu l-objettivi tal-PAK.

L-Ombudsman fetħet investigazzjoni fuq inizjattiva proprja biex tivvaluta kif il-Kummissjoni tiżgura li l-interazzjonijiet tagħha mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess dwar it-tabakk ikunu trasparenti. L-investigazzjoni hija segwitu għal investigazzjonijiet preċedenti fil-qasam, inkluż waħda li fl-2016 ikkonkludiet li l-Kummissjoni kienet qed tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.

Ir-rwol tal-Ombudsman huwa wkoll li tantiċipa kwistjonijiet ta' interess pubbliku u titlob minn qabel għal informazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE. F'dan id-dawl, l-Ombudsman staqsiet lill-Kummissjoni għal aktar dettalji dwar kif tiżgura li l-esperti esterni involuti fl-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ) ma jkollhomx kunflitti ta' interess. L-Ombudsman innotat li l-lista ta' esperti mhijiex pubblika, u dan jagħmilha aktar importanti li l-obbligi tal-etika jiġu implimentati b'mod robust.

L-Ombudsman laqgħet il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju biex tiġi inkluża l-possibbiltà li jiġu rrifjutati l-offerenti jekk ikollhom kunflitt ta' interess professjonali. L-emenda kienet bi tweġiba għas-sejbiet tal-Ombudsman dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti lil BlackRock Investment Management kuntratt ta' studju f'qasam ta' interess regolatorju u finanzjarju għaliha.

- "**Revolving doors"**

Fl-2022, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kompla jiffoka fuq kif l-amministrazzjoni tal-UE tittratta r-"revolving doorts". Fl-2022 l-Ombudsman kompliet l-inkjesta strateġika wiesgħa li bdiet fi Frar 2021, dwar kif il-Kummissjoni tittratta s-sitwazzjonijiet ta' revolving doors. L-inkjesta strateġika – li tkopri 100 fajl – tiffoka fuq kif il-Kummissjoni tittratta ċ-ċaqliq mill-persunal lejn is-settur privat. Il-Kummissjoni ntalbet tippubblika d-deċiżjonijiet dwar l-impjiegi l-ġodda tal-membri tal-persunal b'mod aktar rapidu biex jippermetti skrutinju pubbliku f'waqtu. Il-Kummissjoni wieġbet li, għal każijiet fejn hemm riskju ta' reputazzjoni għall-

Kummissjoni, hija titlob lill-eks-persunal biex jirrapporta dwar kif qed jikkonforma ma' kwalunkwe restrizzjoni, bħal pereżempju dwar il-lobbying tal-eks kollegi. Qalet ukoll li kienet se tippubblika l-ħarsa ġenerali annwali tagħha tal-membri tal-persunal anzjani li jitolbu permess biex jiċċaqilqu għal impjieg ġdid, u l-valutazzjoni tagħha ta' dawn it-talbiet, aktar malajr minn qabel. Barra minn hekk, il-persunal bil-liv mhux imħallas issa huwa pprojbit milli jieħu impjieg f'oqsma fejn hemm riskju ta' kunflitt ta' interess.

Wara li wettqet investigazzjoni fuq inizjattiva proprja dwar kif il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġġestixxi r-revolving doors, l-Ombudsman talbet lill-bank japplika regoli aktar stretti dwar iċ-ċaqliq tal-persunal lejn is-settur privat, u b'mod partikolari lejn is-settur finanzjarju. L-Ombudsman talbet li aktar persunal ikun soġġett għal rekwiżiti aktar stretti ta' perjodu ta' preklużjoni, u li l-projbizzjoni fuq il-persunal anzjan preċedenti tal-BĊE li llobbja l-kollegi preċedenti tiegħu tiżdied għal sena. L-Ombudsman għamlet diversi suġġerimenti lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex isaħħaħ il-mod kif jivvaluta ċ-ċaqliq mill-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija tiegħu għas-settur privat. Dan segwa d-deċiżjoni tal-BEI li japprova ċaqliqa minn eks Viċi President lejn kumpanija tal-utilitajiet li kienet irċeviet self mill-bank.

- **Ir-responsabbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet**

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom drittijiet ta' aċċess għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Ombudsman iservi bħala mekkaniżmu ta' rimedju għal dawk li jiffaċċjaw diffikultajiet biex ikollhom aċċess għal dawn id-dokumenti.

F'Settembru 2022, l-Ombudsman nediet konsultazzjoni pubblika biex tevalwa jekk iċ-ċittadini għandhomx aċċess għal informazzjoni aġġornata relatata mal-ambjent. Il-mistoqsijiet kienu mmirati lejn is-sejbien ta' kemm huwa faċli għall-pubbliku li jikseb dokumenti jew informazzjoni relatati ma' dan il-qasam, u kif iċ-ċittadini jistgħu jkunu aktar involuti fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' politiki ekoloġiċi. Il-konsultazzjoni rċeviet 18-il tweġiba u l-Ombudsman se tieħu passi ta' segwitu fl-2023. L-Uffiċċju tal-Ombudsman għamel kuntatt mas-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus biex jitgħallem aktar dwar ir-rwol tiegħu fl-indirizzar tal-ilmenti dwar kwistjonijiet ambjentali.

Tliet Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) ilmentaw li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jippubblika ftit wisq informazzjoni, u tard wisq, dwar il-proġetti li jiffinanzja. L-Ombudsman ikkunsidrat is-segwitu tal-BEI mhux suffiċjenti u talbet biex iżżid l-iskrutinju tal-attivitajiet tal-Bank.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tifforma parti minn pakkett ta' stimolu ffinanzjat mill-UE bla preċedent biex tgħin lill-ekonomiji tal-Istati Membri jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19. L-Ombudsman staqsiet lill-Kummissjoni kif se tiżgura responsabbiltà fuq l-infiq tal-fond, kif il-pubbliku jkun jista' jara faċilment liema proġetti qed jiġu ffinanzjati u jekk intlaħqux l-istadji importanti mwiegħda. L-Ombudsman irċeviet ukoll ilmenti dwar rifjut ta' aċċess għal dokumenti relatati mal-pjanijiet ta' rkupru tal-Ġermanja, Franza, in-Netherlands, l-Iżvezja u d-Danimarka. Fl-analiżi tagħha, l-Ombudsman saħqet fuq l-importanza ta' standards għoljin ta' trasparenza fil-ġestjoni tal-RRF.

Grupp ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) u assoċjazzjonijiet rrikorra għand l-Ombudsman wara li l-Kummissjoni għaddet il-kważi 123,000 tweġiba individwali – sottomessi f'dokument wieħed – għal konsultazzjoni pubblika dwar l-Inizjattiva ta'

Governanza Korporattiva Sostenibbli bħala tweġiba waħda b'diversi firmatarji. Lanqas ma ġabret fil-qosor it-tħassib ewlieni mqajjem permezz tal-kampanja b'mod f'waqtu u adegwat. L-Ombudsman sabet dan l-approċċ diżappuntanti u talbet li fil-futur il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni aħjar dwar it-tweġibiet li jaslu mingħand iċ-ċittadini permezz tal-pjattaformi tal-kampanja.

Il-Kummissjoni spjegat kif tiġbor l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-Irlanda wara tħassib li ma kinitx ġabret biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' tivvaluta kif qed tiġi applikata l-liġi. L-Ombudsman sabet l-ispjegazzjonijiet sodisfaċenti iżda ħeġġet lill-Kummissjoni biex tkun aktar preskrittiva fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni tagħha sabiex tkun tista' timmonitorja b'mod adegwat dan il-qasam importanti.

L-Ombudsman staqsiet lill-Kunsill jekk setgħetx b'mod proattiv tirrilaxxa aktar dokumenti relatati mal-adozzjoni ta' sanzjonijiet kontra r-Russja. Il-Kunsill ipprovda spjegazzjoni dettaljata u konvinċenti dwar ir-raġuni għaliex f'dan il-mument huwa diffiċli li tinkiseb saħansitra trasparenza addizzjonali marġinali f'dan il-qasam.

- **Aċċess għad-dokumenti**

L-Ombudsman għamlet riforma tal-uffiċċju internament sabiex ikun jista' jaħdem b'mod aktar effiċjenti fuq il-ġestjoni tal-ilmenti u l-indirizzar ta' kwistjonijiet sistemiċi fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE. Dan wassal għal ħinijiet aktar mgħaġġla għall-indirizzar tal-ilmenti, kif ukoll għal riżultati pożittivi importanti fl-amministrazzjoni tal-UE f'firxa ta' oqsma.

Fl-2022 l-Ombudsman kompliet tippromwovi l-ħidma tal-Uffiċċju bħala mekkaniżmu ta' rimedju għal dawk li qed ifittxu aċċess pubbliku għad-dokumenti. Abbażi tal-għarfien espert tal-Uffiċċju f'dan il-qasam, l-Ombudsman ippubblika gwida dettaljata dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE. Din l-għodda online tinkludi Mistoqsijiet u Tweġibiet għal udjenza ġenerali, kif ukoll gwida fil-fond għal partijiet ikkonċernati esperti u attivisti tat-trasparenza. Il-gwida tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar l-aspetti prattiċi u legali tad-dritt ta' aċċess pubbliku.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) qablet li tippubblika fuq is-sit web tagħha informazzjoni estensiva dwar id-detezzjonijiet ta' tixrid possibbli ta' żejt mis-sena 2015 'il quddiem. L-Ombudsman faħħret l-azzjoni tal-EMSA, li segwiet ilment minn pjattaforma investigattiva tal-ġurnalisti.

Wara investigazzjoni, il-Kunsill ta aċċess għall-kummenti u l-mistoqsijiet inizjali tal-Istati Membri dwar l-abbozz tal-Att dwar is-Swieq Diġitali iżda biss wara li ntemmu d-diskussjonijiet leġiżlattivi dwar il-liġi. L-Ombudsman talbet lill-Kunsill biex jagħti aċċess aktar mgħaġġel għal dokumenti leġiżlattivi sabiex il-pubbliku jkun jista' jipparteċipa b'mod effettiv fid-diskussjonijiet dwar abbozzi ta' liġijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni tat aċċess pubbliku għal dokumenti li jikkonċernaw ix-xiri ta' 1.5 miljun maskra medika kważi sentejn wara t-talba inizjali.

L-Ombudsman nieda żewġ inkjesti dwar dewmien fit-trattament tat-talbiet għal dokumenti: waħda kienet tikkonċerna t-tul ta' żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tindirizza t-talbiet għal aċċess pubbliku; it-tieni waħda kienet relatata ma' kif l-Aġenzija Ewropea għall-Fruntiera u l-

Kosta (Frontex) tindirizza talbiet bħal dawn.

- **Drittijiet fundamentali**

Fl-2022, l-Ombudsman talab lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) biex ittejjeb ir-responsabbiltà tagħha wara li għamlet inkjesta strateġika dwar kif tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet fundamentali. L-investigazzjoni eżaminat it-trasparenza tal-operazzjonijiet konġunti tal-Frontex mal-awtoritajiet nazzjonali fil-fruntieri tal-UE, kif tidentifika t-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, u kif timmonitorja r-ritorn ta' persuni li jfittxu l-ażil. L-Ombudsman identifikat diversi oqsma fejn il-Frontex tista' ttejjeb il-prattiki tagħha u għamlet suġġerimenti dwar kif tista' tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Frontex għan-nies li jħossu li d-drittijiet fundamentali tagħhom ġew miksura.

Inkjesta ewlenija oħra marbuta mad-drittijiet fundamentali ffokat fuq kif il-Kummissjoni tassigura li l-awtoritajiet Kroati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri. L-Ombudsman ikkritikat id-dewmien tal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri mill-awtoritajiet Kroati u talbet lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura sal-bidu tal-2023 dwar il-passi li ħadet biex issaħħaħ il-konformità mad-drittijiet fundamentali fl-operazzjonijiet tal-fruntieri Kroati li jirċievu fondi tal-UE.

L-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex tipprovdi dettalji dwar kif tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali li l-UE tiffirma u talbet lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi portal ġdid u separat għall-indirizzar tal-ilmenti għall-allegati abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u biex teżamina kif jista' jsir aċċessibbli għall-ilmenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra f'pajjiżi li magħhom l-UE għandha ftehimiet kummerċjali.

Fl-2020, l-Ombudsman ippubblikat sett ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi dwar l-użu tal-lingwi uffiċjali tal-UE fil-komunikazzjoni mal-pubbliku. Dawn kienu jinkludu l-istabbiliment ta' politika ċara dwar l-użu tal-lingwi uffiċjali, il-pubblikazzjoni tal-politika, u l-applikazzjoni tagħha b'mod konsistenti. Fil-ħarifa tal-2022, in-network tal-aġenziji tal-UE ħabbar li, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman li saru fl-2020, kien qabel dwar linji gwida u mudell dwar politiki multilingwi.

- **Ir-rwol li qed jevolvi tal-Ombudsman**

Fis-17-18 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew u d-Dipartiment tal-Liġi u l-Iskola tal-Governanza Transnazzjonali tal-Istitut Universitarju Ewropew organizzaw konferenza f'Firenze, l-Italja biex jeżaminaw kif l-Ombudsman Ewropew evolva fir-rwol tiegħu li jiżgura amministrazzjoni indipendenti, trasparenti u responsabbli tal-UE. L-avveniment laqqa' flimkien perspettivi differenti mill-akkademja, mis-soċjetà ċivili, mill-amministrazzjoni tal-UE, u mill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Id-diversi panels iddiskutew kif ir-rwol tal-Ombudsman żviluppa matul is-snin, kif is-"setgħa ta' persważjoni" tal-Ombudsman tista' tinkoraġġixxi bidla pożittiva, u r-rwol tat-trasparenza fil-kisba tar-responsabbiltà fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen indirizzat xi wħud mill-kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw l-ombudsmen, bħall-ħarsien tad-drittijiet ta' dawk li qed

jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u laqgħet l-uffiċċji tal-ombudsman tal-Ukrajna u tal-Moldova fin-Network. Il-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2022 fi Strasburgu ffukat fuq ir-rwol li jista' jkollhom l-ombudsmen fi żminijiet ta' kriżi.

- **Ir-rabtiet mal-Parlament Ewropew**

Fl-2022, l-Ombudsman Ewropew żamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, u ppreżenta investigazzjonijiet ewlenin għal-laqgħat tal-kumitati u pparteċipa f'seduti ta' smigħ u workshops parlamentari dwar suġġetti relatati mal-amministrazzjoni tal-UE, id-drittijiet fundamentali, u l-aċċess għad-dokumenti. Fl-2022, l-Ombudsman ipparteċipat f'avvenimenti u f'laqgħat differenti organizzati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħal sessjoni ta' ħidma dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Hija ltaqgħet ukoll mal-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet Dolors Montserrat biex tiddiskuti l-kooperazzjoni tagħhom meta jiġu biex jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini u l-Kumitat PETI wera appoġġ għall-ħidma u l-istrateġija tal-Ombudsman waqt l-iskambju annwali ta' fehmiet dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman.

- **Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità**

Bħala membru ta' dan il-qafas, l-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-implimentazzjoni tal-amministrazzjoni tal-UE tal-Qafas tal-UNEU għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Barra minn hekk, l-Ombudsman indirizzat investigazzjonijiet importanti fl-2022 relatati mad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. F'April, l-Ombudsman għalqet l-investigazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess dwar kif il-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE biex tiżgura li dawn jintużaw biex jippromwovu d-dritt tal-persuni b'diżabilità għal għajxien u inklużjoni indipendenti fil-komunità. F'Ottubru 2022, l-Ombudsman ospitat ukoll seminar ibridu għall-membri tal-ENO biex jiskambjaw informazzjoni u esperjenzi relatati mal-istandards tad-direttiva tal-UE dwar l-aċċessibbiltà tal-web u l-implimentazzjoni tagħha.